MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1714/2000/1

**Samuel sive Sunny Baldacchino.**

**-vs-**

**Karmenu Baldacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Lulju, 2000 li permezz tieghu l-attur espona:

Illi l-attur huwa l-proprjetarju tal-garaxx bla isem maghruf bhala Numru 10, Triq Hal-Dwiel, Sqaq Numru 1, Zebbug.

Illi l-konvenut ilu ghal dan l-ahhar zmien jokkupa l-garaxx

surreferit b'mera tollerenza ta' l-istess attur u dan minghajr ebda titolu validu skond il-Ligi.

Illi nonostante gie debitament interpellat sabiex jizgombra l-fond *de quo* u jnehhi l-makkinarju u l-ingenji kollha proprjeta ta' l-istess konvenut, kif wkoll sabiex jirritorna lill-attur ic-cwievet kollha tal-precitat fond, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut qieghed jokkupa l-garaxx Numru 10, Triq Hal-Dwiel, Sqaq Numru 1, Zebbug proprjeta' ta' l-attur minghajr ebda titolu validu skond il-Ligi; u

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jivvaka l-fond de quo u jikkonsenja c-cwievet kollha lill-attur.

Salv id-drittijiet kollha ghad-danni, mill-llum 'l quddiem, ta' l-okkupazzjoni illegali, likwidabbli dawn id-danni f'gudizzju separat, b'riserva ghall-azzjonijiet ohra tal-attur f'kaz li fil-garaxx *de quo* l-konvenut ikkaguna d-danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji datati t-3 ta' Gunju, 1998 u l-25 ta' Gunju, 1998 u tal-ittra gudizzjarja datata d-9 ta' Marzu, 2000, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax nota tal-eccezzjonijet u kwindi huwa kontumaci skond il-Ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Frar li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur qed jitlob l-isgombrament tal-konvenut mill-proprjeta’ in kwistjoni *stante* li l-istess konvenut jokkupaha minghajr titolu. L-attur esebixxa numru ta’ kuntratti li juru li l-proprjeta’ indubbjament hija tieghu. Infatti barra l-kuntratt li permezz tieghu hu akkwista l-proprjeta’, l-attur esebixxa ukoll kuntratti li juri l-provenjenza tal-proprjeta’.

Kif gia’ inghad il-konvenut huwa kontumaci u ma ressaq ebda provi u ghalhekk il-provi mressqa mill-attur b’ebda mod ma gew kontradetti.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-garaxx numru 10, Triq Hal Dwieli, Haz-Zebbug minghajr titolu validu skond il-Ligi u tikkundannah biex fi zmien tlett xhur jivvakah u jikkonsenja c-cwievet tieghu lill-attur.**

**L-ispejjes jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------